**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru: 69/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 26**

**Jolly Imports and Distribution Ltd (C13989)**

**Handaq Cold Stores,**

**Triq Prof. Carmelo Coleiro,**

**Handaq Industrial Estate,**

**Qormi**

**Vs**

**Dolittle & Fishmore Ltd et (C79128)**

**127, Bayview,**

**Triq ta' Fjuri,**

**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-03 t' April, 2019 li permezz tieghu qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bejgh u

konsenja ta' diversi prodotti ta' laham lill-konvenuti ghalkemm l-ammont huwa ta' sitt elef hames mija u hdax il-ewro u ghaxar centezmu (€6,511.10c).

Ra l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 4 li eccepew li l-konvenut Pantzar ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; li t-talbiet fil-konfront tal-konvenut Pantzar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici; li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess il-kumpanija attrici jehtiegilha tipprova li effettivament bieghet u kkonsenjat lill-kumpanija konvenuta Dolittle & Fishmore Limited il-merkanzija msemmija fid-Dok RG1 u Dok RG2 annessi mal-Avviz u li l-ammont pretiz huwa dovut,

Ra l-affidavit ta' Francis Pace in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz taghha spjega li s-socjeta' attrici kkonsenjat u ssuppliet lis-socjeta' konvenut fuq istruzzjonijiet ordnijiet taghha stess diversi prodotti tal-ikel li jammontaw ghas-somma ta' sitt elef hames mija u hdax-il ewro u ghaxar centezmi (€6,511.10c) u li dawn ma thallsu xejn taghhom.

Ra n-nota s-socjeta' attrici prezentata fis-seduta tal-04 ta' Ottubru, 2019 li permezz taghha cediet il-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenut Jan Erik Pantzar.

Ra l-verbal tas-seduta tal-04 ta' Ottubru, 2019 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi u l-avukati tal-partijiet qablu li l-kawza tista tithalla ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra,

Li din hija kawza ghal ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) dovuti rigwardanti bejgh u konsenja ta' prodotti tal-laham lis-socjeta' konvenuta. Francis Pace in rapprezentanza kkonferma bil-gurament li l-ammont huwa dovut u r-raguni ghaliex huwa dovut cioe' ghal bejgh u konsenja ta' prodotti tal-laham lis-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta ma resqet ebda provi fir-rigward tal-eccezzjonijiet rimanenti taghhom u li ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici jirrizultaw li gew pruvati sodisfacentement sal-grad li trid il-ligi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Dolittle & Fishmore Limited u jordna lis-socjeta' konvenuta Dolittle & Fishmore Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 465/2018 a karigu tas-socjeta' konvenuta Dolittle & Fishmore Limited.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**